PDF Compressor Pro



Il-miġemgha fil-Kappella tal-Oratorju, nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru, filgħodu

Is-60 anniversarju mill-ftuħ uffiċjali tal-Oratorju Don Bosco

Il-Ħadd li għadda, 11 ta' Ottubru, Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, mexxa Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-Oratorju Don Bosco r-Rabat, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju mill-ftuħ uffiċjali tiegħu, lura fl-1949. L-Isqof Cauchi li ilu jsegwi lill-Oratorju mill-qrib sa mit-twaqqif tiegħu kien preżentat b'tifkira ta' l-okkażjoni minn Dun Effie Masini, id-Direttur preżenti tal-Oratorju.

L-ewwel Oratorju f'Għawdex fetaħ 75 sena ilu, nhar l-1 ta' April 1934 bit-tħabrik ta' Dun Pawl Micallef, qassis mir-Rabat Għawdex, propju fl-istess ġurnata li San Ġwann Bosco ġie dikjarat qaddis mill-Papa Piju XI ġewwa Ruma. Sakemm wasal biex fetaħ din l-ewwel dar fi Triq il-Karità, Dun Pawl Micallef kien għadda ħmistax-il sena jitħabat biex jibda' jiġbor u jorganizza t-tfal u kien juża' daqqa l-Knisja ta' San Ġakbu u daqqa il-Knisja ta' Savina. Kienu żminijiet ta' qabel il-gwerra, żminijiet diffiċli f'Għawdex meta t-tfal u ż-żgħażagħ kienu jiġġerrew mat-triqat. Dun Pawl Micallef għaraf li s-sistema ta' Dun Bosco setgħet tiġbidhom lejn l-Oratorju u lejn Alla.


Huwa beda jorganizza klassijiet tad-duttrina kif ukoll logħob tal-ballun, ħarġiet u rappreżentazzjonijiet teatrali. Dawn servew ta' kalamita għat-tfal li bdew jiffrekwentaw l-Oratorju bil-mijiet. Id-Dar ma damitx ma saret żgħira u Dun Pawl Micallef kera dar akbar fi Triq Mons Farruġia. Kien hawn li ħejja kappella żgħira u ordna l-istatwa ta' San Ġwann Bosco mingħand Wistin Camilleri li għadha teżisti sal-lum.

Wara din id-dar, kera dar oħra fi Pjazza Santu Wistin imma din kienet iżgħar u ma kinitx komda. Hawn Dun Pawl beda jaħseb biex jibni Oratorju kbir u modern flok ċimiterju antik li kien hemm fi Pjazza Sant'Wistin. Ix-xogħol beda' fl-1946 u ġie inawgurat nhar it-8 t'Ottubru 1949.

Fl-1947, bit-tħabrik ta' Dun Pawl ġew is-Sależjani biex jieħdu ħsieb imexxu l-Oratorju u damu sal-1965 meta mbagħad għadda f'idejn id-Djoċesi ta' Għawdex.

L-Oratorju llum għadu jitmexxa fuq il-prinċipji ta' Dun Bosco u huwa bbażat fuq tliet kolonni li fassal Dun Bosco; il-Kappella, palk u grawnd.

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Isqof Nikol Cauchi jirċievi kwadru żgħir ta' Don Bosco bħala tifkira tal-okkazjoni, mingħand id-Direttur tal-Oratorju Dun Effie Masini



L-Oratorju Don Bosco fi Pjazza Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex

Xogħlijiet tal-awtur
Mons. Anton Saliba f'wirja

F'waħda mis-swali tal-wirjiet fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, ġiet inawgurata wirja ta' kotba u materjal ieħor relatat mal-pubblikazzjonijiet tal-kitbiet ta' Mons. Anton Saliba. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu kotba tal-ħrejjef għat-tfal kif ukoll novelli u xogħlijiet għal fuq il-palk.

L-awtur, li twieled u joqgħod f'Ta' Sannat, qiegħed jesponi aktar minn 25 ktieb li ppublika f'dawn l-aħħar snin. Għal din l-okkażjoni qiegħed ukoll iniedi tliet kotba li ppublika dan l-aħħar. L-istejjer huma mmirati lejn tfal u studenti li jattendu skejjel primarji u sekondarji. Ix-xogħlijiet ta' Mons. Saliba jinkludu wkoll kitbiet għal palk u dramm storiku li huma ta' interess għal kulħadd.

Hemm esebiti wkoll għadd ta' tpinġijiet li saru mill-artisti Għawdxin Carmel Camilleri u Eric Xuereb, li ntużaw biex jagħtu l-ħajja lill-karattri li ħafna drabi huma annimali. Minbarra li jsawwar l-istejjer tiegħu f'dawn ir-rakkonti, l-awtur jgħaddi wkoll messaġġi u tagħlimiet adattati għal qarrejja żgħar jew mhux daqshekk żgħar.



Waqt it-tberik tal-Wirja tal-Kotba

Din il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, li fissret kif il-ktieb għad għandu funzjoni importanti fil-ħajja ta' llum, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-kultura.

Għall-ftuħ uffiċjali ta' din il-wirja ttella' programm tal-okkażjoni minn kumitat apposta. Saret preżentazzjoni dwar il-ħajja tal-awtur waqt illi Carmel Cachia tkellem dwar ħajjet l-awtur u kitbietu. Tfal li jattendu mit-tielet sal-ħames sena tal-iskola primarja qraw siltiet mill-kotba ta' Mons. Saliba, fosthom il-ktieb ġdid 'Il-Fenek'. Inqraw ukoll poeżiji li nkitbu għall-okkażjoni minn Giovann Attard u l-Kav. Joe M. Attard. Il-wirja ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat, il-Kanonku Tarċisju Camilleri.

Il-wirja ser tibqa' miftuħa sas-Sibt 24 ta' Ottubru.



Uħud minn dawk preżenti għall-ftuħ uffiċjali tal-Wirja tal-Kotba, fosthom fuq quddiem jidhru l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, l-Aġent President ta' Malta Anton Tabone u s-Sindku ta' Sannat Philip Vella

MARIO BORG
International Travel Consultant
TRAVEL PLANS INTERNATIONAL
Best Price
Right Advice
Early Bird Fares are Available now
Contact: Mario Borg
Tel: 9621 8899
Mob: 0412 682 421
Email: mario@travelplansintl.com.au
Lic. TTA 164 197